MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Numru. 163/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Gordon Grech ta' 31 sena, iben Emanuel u Anna nee` Fava, imwieled il-Pieta' fit-18 ta' Novembru, 1976 u residenti Flt 3, Blok 14B Triq Fontanier, Hal-Qormi, detentur ta' karta tal-Identita' bin-numru 028477M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon Grech u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Jannar, 2008 ghall-habta tas-1.22 a.m. u fis-sieghat ta' qabel, gewwa Pacevelle, San Giljan, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1a. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku, jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe` ghamel falsifikazzjoni ta' firem tas-Sur Chris (Christopher) Borg u/jew persuni ohra fuq ircevuti u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew Credit Cards jew ircevuti u dan bi ksur tal-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1b. iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe Credit Card jew ircevuti, illi meta jigu presentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinja ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbilimnet pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1c. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor ngann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi garajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar 420 Euros billi ipprezenta Credit Card bi hsara ghal Chris (Christopher) Borg u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.
Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi huwa hallas lil parte leza l-ammont kollu li gie mehud indebitament (ara verbal a fol.49 tal-process).

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu operattiv ta’ liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------